# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 486/2014**

Il-Pulizija

vs

**Emmanuel Attard Portughes**

iben Victor, imwieled Pieta', fit-13 ta' Marzu, 1993, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 149493(M)

Illum, 15 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emmaunuel Attard Portughes quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-fil-21 ta' Gunju 2014 ghal habta ta' 03:25hrs gewwa Notabile Road, B'Kara:

(1) Saq vettura bin-numru BBZ 427 b'manijera traskurata, perikoluza u bla kont;

(2) Saq l-imsemmija vettura numru BBZ 427 b'velocita' eccessiva; u

(3) Meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lamu Calvanico skont kif iccertifika Dr. Nathan Edwards MD mill-M.D.H.

Il-prosekuzzjoni talbet illi l-akkuzat , f'kaz ta' htija, jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta’ Novembru, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 226 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u L.S. 65.11 MVR 127 tal-Ligijiet ta’ Malta, iddikjarat li sabet hati lill-imputat Emmanuel Attard Portughes hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuza u ikkundannatu multa ta’ sebghin Ewro (€70) filwaqt illi ai termini tal-Artikoli 688 (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ddikjarat li t-tieni (2) akkuza hija preskritta u ghal dan il-ghan astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Inoltre, ordnat l-iskwalifika tas-sewqan tal-imputat ghall-perjodu ta’ gimgha mill-lum.

Rat ir-rikors tal-appellant Emmanuel Attard Portughes ipprezentat fl-1 ta’ Dicembru, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., ta' 1-20 ta' Novembru, 2014 billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel u t-tielet akkuza u konsegwentement tilliberah minnhom u minn kull piena nflitta, u tikkonfermaha in kwantu ddikjarat it-tieni akkuza preskritta u astejniet milli tiehu konjizzjoni taghha.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

a. Illi l-Ewwel Qorti, bir-rispett kollu ghamlet apprezzament hazin tal-provi imressqa mill-prosekuzzjoni, liema provi kienu jikkonsistu fix-xhieda mghotija minn hbieb tal-appellant li kienu mieghu u esperjenzaw l-incident. Ix-xhieda kollha, ezzenzjalment ikkonfermaw illi l-incident in kwistjoni ma sehhx minhabba sewqan traskurat, perikoluz jew bla kont da parti tal-appellant izda minhabba li l-appellant tilef il-kontroll tal-vettura meta gie kostrett jaghmel manuvra sabiex jevita li jahbat ma vettura ohra li kienet qed tinstaq fil-vicin hafna tieghu minn terz b'mod traskurat u perikoluz.

b. Illi l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tissodisfa l-vot tal-ligi f'dak li jirrigwarda l-prova ta' htija u cioe' li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

c. Illi l-Ewwel Qorti messha, dejjem skont il-provi prodotti quddiemha, waslet ghall-decizjoni li tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz hu wiehed sommarju u ghalhekk ix-xiehda ta' min xehed quddiem l-ewwel Qorti ma gietx traskritta. Ghalhekk, din il-Qorti kellha tisma mill-gdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-21 ta' Gunju, 2014 ghal habta tat-3.30 a.m. il-pulizija gew infurmat li kien sehh incident stradali fi Triq Notabile, Birkirkara fejn kien hemm karozza maqluba. Irrizulta li kien l-appellant li kien qed isuq vettura Seat Ibiza, bin-numru tar-registrazzjoni BBZ427. L-appellant kellu erba' persuni ohra f'din il-vettura u wahda minnhom, Lamu Calvanico, sofriet feriti ta' natura gravi. Mill-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru, 2014 quddiem l-ewwel Qorti l-istess Lamu Calvanico ddikjarat li m'ghandhiex aktar problemi bil-feriti li garrbet.

Illi l-pulizija kellmu l-okkupanti tal-karozza biex jistabilixxu ghaliex il-vettura nqalbet. Mix-xhieda li huma taw lill-pulizija li giet konfermata quddiem din il-Qorti rrizulta li kien hemm vettura ohra fit-triq li bdiet isserrep quddiemhom. F'hin minnhom dahlet fil-karreggjata okkupat mill-vettura misjuqa mill-appellant li biex jevita kollizzjoni spicca li dahal go arblu tad-dawl u nqaleb.

Illi mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda prova li l-appellant saq il-vettura tieghu b'manjiera traskurata, perikoluza jew bla kont. Lanqas ma jirrizulta li minhabba s-sewqan tieghu kien il-kagun tal-feriti li garrbet Lamu Calvanico.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza in kwantu gie dikjarat li t-tieni akkuza hi preskritta. Tilqa l-appell ta' Emmanuel Attard Portughes. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata dwar l-ewwel u it-tielet akkuza u ghalhekk tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.